**17 ta' April, 1959**

**Imħallef:—**

**Is-S.T.O. Prof. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Carmela Falzon

*versus*

Paolo Falzon

**Separazzjoni Personali — Dekadenza tal-Konjuġi mid-Drittijiet — Kura tat-Tfal — Art. 47, 59 u 68 tal-Kodiċi Ċivili.**

*B'liġi, l-applikazzjoni tad-dekadenzi tal-konjuġi mid-drittijiet tagħhom kontra xulxin bħala effett tal-pronunċja ta' separazzjoni personali bejniethom, "in toto" jew in parti, hi fakoltattiva għall-Qorti, jekk id-domanda għas-separazzjoni tkun radikata fuq il-motiv ta' eċċessi, sevizji, minaċċi u ngurji gravi. U allura jiddependi mid-diskrezzjoni tagħha jekk tapplikax jew le dawk id-dekadenzi fil-każ partikulari.*

*Iċ-ċirkustanza li r-raġel jiddiffama kontinwament lill-martu fl-unur tagħha kien dejjem ritenut waħda mill-kawżi prinċipali tas-separazzjoni. Hu wkoll aggravament ta' din l-inġurja l-fatt li r-raġel jirripeti din l-allegazzjoni fin-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu bħala mezz difensjonali, meta hu stess ikun ġa ammetta li kien żbalja fid-diskors tiegħu.*

*In kwantu għall-kura tat-tfal, skond il-liġi, jitqiegħdu taħt il-kustodju tal-konjuġi innoċenti, ammenokkè l-Qorti ma tordnax xort'oħra għall-ġid tat-tfal stess; kożikkè l-interess tat-tfal hu r-regola sovrana.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attriċi, premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti neċessarji, premess li l-konvenut irrenda ruħu ħati lejn l-attriċi ta' eċċessi, sevizji, minaċċi u nġurji gravi, b'manjera tali illi rrenda mpossibbli l-ulterjuri konvivenza

bejniethom, u konsegwentement l-attriċi għandha dritt tottjeni ġudizzjarjament is-separazzjoni personali tagħha mill-imsemmi żewġha, il-konvenut; talbet (1) li mill-Qorti tiġi dikjarata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, u l-attriċi tiġi xjolta mill-obligu tal-konvivenza; (2) li tiġi pronunzjata d-dekadenza da parti tal-konvenut mid-drittijiet kontemplati mill-art. 56 u 58 tal-Kodiċi Ċivili in kwantu applikabbli għall-każ, b'partikulari riferenza għar-restituzzjoni tal-oġġetti apportati mill-attriċi in okkażjoni tażżwieġ; (3) li l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attriċi, għaliha u għal uliedha minuri Leonardo, Guseppe, Maria u Angelo Falzon, pensjoni alimentarja fil-kwantità, fil-mod u żmien illi dik il-Qorti tistabbilixxi; (4) u illi, jekk neċessarju, jiġi deċiż illi l-kura tal-ulied minuri tal-kontendenti tiġi affidata lill-attriċi. Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-proċeduri quddiem is-Sekond'Awla ta' din il-Qorti (Dig. 961/57);

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-19 ta' Novembru 1958, li biha laqgħet it-talbiet tal-attriċi, billi ppronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-kontendenti mħabba l-ħtija tal-konvenut, konsistenti f'sevizji, minaċċi u ngurji gravi, u awtorizzat lill-attriċi tgħix separata minn żewġha; fdat il-kura tat-tfal minuri f'idejn l-attriċi, li però għandha tħalli lill-konvenut jarahom darba fil-ġimgħa skond l-arranġament opportun; ikkundannat lill-konvenut iħallas lill-attriċi, fid-domiċilju tagħha pensjoni alimentarja, għaliha u għall-erbgħa tfal minuri, ta' £3. 3. 0 fil-ġimgħa, imqassma £1. 5. 0 għall-attriċi, 8s. għat-tifel minuri Leonardo, u 10s. għal kull wieħed mit-tfal l-oħra; u ppronunzjat kontra l-konvenut id-dekadenzi mitluba fiċ-ċitazzjoni, barra dik alimentarja kontemplata fl-art. 56(1)(d) tal-Kodiċi Ċivili, bl-obligu tar-restituzzjoni tal-oġġetti mitluba u kif inhu mitlub fiċ-ċitazzjoni. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut; wara li kkunsidrat;

Irriżulta mid-depożizzjoni tal-attriċi (fol. 25), ta' Leonardo Falzon (fol. 27), u ta' Caterina Debono (fol. 37), li l-konvenut kien kontinwament jimmaltratta lill-attriċi, jin-

ġurjaha li hija kellha relazzjonijiet sesswali ma' ħadd ieħor, u li f'diversi okkażjonijiet sawwatha u heddiha li joqtolha . . . . . . . ;

*Omissis;*

It-tfal qegħdin kollha mal-attriċi, li qegħda tieħu kura tagħhom kif inhu xieraq. Kunsidrati ċ-ċirkustanzi kollha, u anki li l-konvenut, meta jinnervja, jitkellem ħażin, hu xieraq li l-kura tat-tfal tkun f'idejn l-attriċi;

Rat fol. 94 in-nota tal-appell tal-konvenut, u fol. 95 il-petizzjoni tiegħu, li biha talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, fis-sens li, fil-waqt li tiġi konfermata in kwantu ppronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u ordnat il-ħlas ta' pensjoni alimentarja lill-attriċi u lill-erbgħa ulied minuri, tiġi revokata in kwantu ordnat id-dekadenza tal-konvenut mid-drittijiet kontemplati fl-art. 56 u 58 tal-Kodiċi Ċivili, u in kwantu affidat il-kura tat-tfal f'idejn l-attriċi; billi jiġi minflok deċiż li hu ma għandux jiddekadi minn dawk id-drittijiet, u billi l-kura tat-tfal tiġi affidata lilu; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

L-appell hu limitat għaż-żewġ doljanzi fuq imsemmija;

Kwantu għad-dekadenza minn ċerti drittijiet;

B'liġi, l-applikazzjoni ta' dawk id-dekadenzi, "in toto" jew in parti, meta d-domanda ta' separazzjoni personali hi radikata fuq ir-raġunijiet imsemmijin fl-art. 47 Kap. 23, bħalma hi fil-każ preżenti, hi fakoltattiva (art. 59 ibid.);

Skond l-insenjamenti tal-awturi, id-diskrezzjoni ma hix ħlief "discernere per legem quid sit justum" (Kollez. Vol. VII, 523). Għal hekk, biex l-appell fuq dan il-punt jirnexxi, jeħtieġ li din il-Qorti tkun persważa li l-Ewwel Qorti eżerċitat il-poter diskrezzjonali lilha mogħti, jew barra mil-limiti tal-liġi jew b'mod manifestament oppressiv;

Issa, f'dan il-każ l-Ewwel Qorti applikat dawk id-dekadenzi, ħlief dik għar-rigward tal-alimenti. In sostanza, fil-każ in ispeċje, id-dekadenza irrogata tirrigwarda d-drittijiet suċċessorji, għax ma jidherx li kien hemm donazzjonijiet jew akkwisti magħmulin prinċipalment bl-industrija tal-appellata, kif hemm fl-inċiżi (b) u (c) tal-art. 56;

Din il-Qorti ma hix ta' fehma li l-Qorti tal-Ewwel Grad eżerċitat ħażin id-diskrezzjoni tagħha. Il-każ kien abbastanza serju. Iċ-ċirkustanza li r-raġel jiddiffama kontinwament lill-martu fl-unur tagħha kien dejjem ritenut waħda mill-kawżi prinċipali ta' separazzjoni (Merlin, Rep. Univ., voce Separaz. Person., n. 4). Hu wkoll aggravament ta' din l-inġurja l-fatt (fol. 7) li ġiet ripetuta fin-nota tal-eċċezzjonijiet bħala mezz defensjonali (Massal, Separaz. dei coniugi, Tit. VI, numru marġinali 23); u dan fi żmien meta l-appellant kien ġa ammetta li żbalja fid-diskors li kellu mal-kappillan ta' Ħal Kirkop (fol. 39). Lanqas kien ta' entità żgħira s-swat tal-appellata, kif jidher mill-fatt li darba, njente di meno, l-appellant tajrilha ħames sinniet (xh. Caterina Debono fol. 37). Dippjù, ma kienx il-każ ta' xi invettivi jew maltrattamenti okkażjonali, imma sistematiċi u kontinwi;

Għalhekk, dan l-ewwel gravam ma hux fondat;

Kwantu għall-kura tat-tfal;

Skond l-art. 68, dawn jitqiegħdu taħt il-kustodja tal-konjuġi innoċenti, ammenokkè l-Qorti ma tordnax xort'oħra għall-ġid tat-tfal stess; kożikkè l-interess tat-tfal hu r-regola sovrana (Kollez. Vol. VII, p. 97);

Anki wara li semgħet f'din l-istanza lill-appellant u lil Giuseppe Falzon, iben komuni tal-kontendenti, din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li, almenu "rebus sic stantibus", il-vantaġġ tat-tfal jikkonsilja li dawn jibqgħu mal-appellata. Del resto, l-appellant proprjament irid li jieħu l-kustodja mhux taż-żwieġ uliedu l-kbar, imma tat-tifla Maria, li sejra tagħlaq 12 il-sena, u tat-tifel iż-żgħir Anġlu, li għandu 9 snin. Lit-tifla jridha biex teħodlu ħsieb id-dar u b'hekk jiffranka (kif qal hu) il-flus li l-lum qiegħed jagħti

lill-oħtu. Din it-tifla tmur l-iskola. Ma tantx jista' jingħad li jidħol il-vantaġġ tagħha fil-kambjament prospettat. Kwantu għat-tifel Anglu, li wkoll imur l-iskola, ma jidherx li l-faċli iraxxibbilità tal-appellant, u ċ-ċirkustanzi kollha konkomitanti, jissuġġerixxu xi varjazzjoni tal-ordni mogħti mill-Ewwel Qorti;

Del resto, jekk iċ-ċirkustanzi jitbiddlu fil-futur, il-Qorti tista' dejjem, b'liġi (art. 68(3) ibid.), tagħti ordnijiet diversi rispondenti għaċ-ċirkustanzi mutati;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellant.